



Malta

Skemi ta' Dħul Minim

Studju tal-Politika Nazzjonali

Mario Vassallo

Ċaħda tar-Responsabilità: Dan ir-rapport jirrifletti l-opinjoni(jiet tal-awtur(i) tiegħu u dawn mhux neċessarjament li huma dawk tal-Kummissjoni Ewropea jew tal-Istati Membri. Il-lingwa oriġinali tar-rapport hija l-Ingliż

April 2009



On behalf of the
European Commission
DG Employment, Social Affairs and Equal Opportunities



Werrej

Sommarju Eżekuttiv.....	3
1. L-Istorja tas-Sigurtà Soċjali Maltija.....	5
2. Il-Leġiżlazzjoni Attwali	9
2.1 Introduzzjoni.....	9
2.2 Benefiċċji mhux kontributorji.....	10
2.3 In-Nefqa u l-Benefiċjarji	16
3. Analiżi.....	19
3.1 Il-kumplessità	19
3.2 Ibbażati fuq il-familja u mhux fuq il-persuna individwali	19
3.3 In-Nassa tal-Benefiċċji.....	20
3.4 L-effikaċja.....	20
3.5 Nuqqas ta' Riċerka	23
4. Programmi ta' Impjieg u Taħriġ.....	25
4.1 Introduzzjoni.....	25
4.2 Is-“Supported Employment Section”.....	25
4.3 Il-Programm ta' Għajnuna għax-Xogħol (EAP).....	26
5. Konklużjoni	27
REFERENZI PRINĊIPALI	28

Sommarju Eżekuttiv

Fil-kuntest Malti, il-kunċett ta' Skema ta' Dħul Minimu ma teżistix bħala tali, għalkemm teżisti xibka ta' provvedimenti li jassiguraw li dawk li jibbenefikaw mid-drittijiet eżistenti jkunu assigurati dħul stabbli li jkun ftit inqas mill-paga minima. Is-solidarjetà soċjali għandha storja twila f'Malta, li tmur lura għat-twaqqif ta' korpi tal-karità fis-seklu XVII mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Fi żminijiet aktar riċenti, is-sigurtà soċjali saret pern tal-ħajja soċjali Maltija.

Is-sigurtà soċjali f'Malta hija maqsuma f'benefiċċji kontributorji u benefiċċji mhux kontributorji. Għalhekk, fil-kuntest Malti, il-provvedimenti għall-benefiċċji mhux kontributorji jistgħu jitqiesu li huma l-eqreb għal skema ta' dħul minimu. Il-provvedimenti huma maqsumin b'mod ġenerali fi tnejn: (a) Pensjonijiet u (b) Allowances għall-Familja u Benefiċċji tal-Maternità. Il-benefiċċji jistgħu jinġabru kif ġej: Għajjnuna għal Mard, Għajjnuna Medika, Għotja għal Ħalib, Pensjoni tal-Età, Għajjnuna Soċjali, Pensjoni għall-Wens, Allowance għal Tfal b'Diżabilità, Pensjoni għal Persuni b'Diżabilità, u Allowance Supplementari.

Ħafna minn dawn id-drittijiet jingħataw wara test tal-mezzi, iżda xi wħud ma jsirihomx dan it-test. Dawk li jingħataw wara test tal-mezzi huma suġġetti għal mekkaniżmu kkumplikat ħafna li jinkorpora (a) is-sjeda ta' kapital u (b) id-dħul finanzjarju.

Fil-maġġoranza tal-każijiet il-benefiċċji huma indirizzati lejn il-familja u mhux lejn il-persuna individwali, bil-konsegwenza li persuna individwali li tkun qiegħda tgħix fi ħdan familja aktar kbira tista' ssib li hija ma tistax tibbenefika mill-provvedimenti sempliċement għaliex membri oħrajn tal-istess familja jkunu f'sitwazzjoni aħjar finanzjarment.

L-iskema Maltija hija kkaratterizzata minn kumplessità, nuqqas ta' dejta solida li tippermetti lil dawk li jfasslu l-politika jibbażaw id-deċiżjonijiet tagħhom fuq ħtiġijiet reali u mhux fuq ħtiġijiet perċepiti, u waħda li f'xi każijiet twassal biex segmenti tal-popolazzjonijiet (speċjalment persuni li jafu kif jaħdmu s-sistema u li ma jistgħux jaspiraw li jkunu impjegati bi qligħ f'xogħlijiet tajba) jaqgħu fin-nassa tal-benefiċċji, u b'hekk joħloqu ċiklu ta' dipendenza fuq il-provvediment mill-istat. In-nuqqas ta' dejta huwa partikolarment problematiku għax ma jippermettix lil dawk li jfasslu l-politika jkunu jafu l-livell ta' teħid minn fost il-komponent tal-popolazzjoni li tassew qiegħed fil-bżonn. Id-dejta disponibbli tas-SILC, għalkemm limitata, tissuġġerixxi b'mod ċar li l-iskema hija effikaċi ħafna biex tnaqqas ir-rati ta' dawk friskju tal-faqar, iżda ma tistax tintuża biex issir valutazzjoni komprensiva tal-effikaċja tagħha.

Permezz ta' diversi skemi, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ, li hija aġenzija parastatali, fittex li tassisti persuni sabiex isibu impjeg bi qligħ u tipprovdi opportunitajiet ta' taħriġ imfasslin skont il-ħtieġa sabiex tassisti kemm lill-persuni bla xogħol kif ukoll lill-impjegaturi potenzjali tagħhom.

Bħala tali, huwa rakkomandabbli ħafna li jsir dibattitu pubbliku dwar x'għandu jikkostitwixxi skema ta' dħul minimu, u li tiffassal skema mhux frammentata. Sabiex tiġi żviluppata skema ġdida, hija meħtieġa riċerka bażika, primarjament biex tiġi stabbilita l-linji attwali tal-faqar f'Malta, iżda biex jiġi identifikat ukoll liema huma l-gruppi, u l-individwi fi ħdan dawn il-gruppi, li tassew jistgħu jibbenefikaw minn skema ta' dħul minimu ffinanzjata mill-istat. L-esperjenza mgħoddija tissuġġerixxi li tkun xi tkun l-iskema li tiffassal, trid tingħata attenzjoni speċjali għall-perikli ta' nassa tal-faqar: f'soċjetà żgħira bħal Malta huwa preżenti element ta' *omertà* u r-rappurtar huwa

minimu. L-irwol tal-professjonisti involuti fil-ħidma soċjali u li qegħdin f'kuntatt dirett ma' persuni li jkun qed jabbużaw b'mod ċar mis-sistema, irid jiġi ċċarat minħabba li l-ħsieb attwali fost dawn il-professjonisti jissuġġerixxi li għal raġunijiet etiċi huma ma għandhomx jirapurtaw lil dawk li jabbużaw mis-sistema.

1. L-Istorja tas-Sigurtà Soċjali Maltija

Anki qabel id-dñul tal-welfare state, f'Malta kien għe żviluppat element ta' sigurtà soċjali miż-żmien tal-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann li ħakmu dawn il-gżejjer bejn l-1530 u l-1798. Il-Kavallieri pprovdew għajjuna fi flus kontanti u f'oġġetti lis-segmenti foqra fi ħdan il-popolazzjoni Maltija. F'nofs is-seklu sbatax, il-Kavallieri stabbilew b'mod uffiċjali korpi tal-karità. Iżda l-ewwel benefiċċju soċjali mħallas mill-Gvern bħala dritt għe introdott f'Malta fl-1885 fil-forma ta' skema ta' pensjoni għall-membri tal-Forza tal-Pulizija Maltija. Miżuri moderni ta' sigurtà soċjali kienu introdotti għall-ewwel darba wara l-1921, meta Malta nġatat gvern awtonomu mill-Parlament tar-Renju Unit. Il-fażijiet prinċipali tal-iżvilupp jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

1927: *Att dwar il-Pensjonijiet lil Nisa Romol u Tfal Iltiema*: L-għan kien 'li jsir provvediment għall-għoti ta' pensjonijiet lil nisa romol u tfal ta' Uffiċjali Pubbliċi li jkunu mietu'.

1929: *Att dwar il-Kumpens għall-Ħaddiema*: Iddaħħlet l-ewwel skema kontributorja tas-Sigurtà Soċjali li tagħti kopertura għal perjodu qasir lill-ħaddiema kollha impjegati f'Malta meta jweġġgħu fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Il-kontribuzzjonijiet lejn din l-iskema kienu obligatorji u saru fuq bażi tripartitika, bl-impjegaturi, l-impjegati u l-Istat kollha jħallsu sehem ugwali fil-fond, sabiex l-iskema tibqa' vijabbli. Għalhekk, il-kunċett tas-sigurtà soċjali kien introdott f'Malta għall-ewwel darba.

1948: *L-Att dwar il-Pensjonijiet tax-Xjuħ*: Dan ipprova għall-ħlas ta' pensjonijiet lil persuni ta' aktar minn 60 sena. Din il-pensjoni ma kinitx skema kontributorja, iżda kienet tingħata wara test tal-mezzi.

Il-bidu tal-1950s: Il-bidu ta' skema mhux regolata ta' għajjuna finanzjarja (dak iż-żmien magħrufa bħala 'relief') għal familji fil-bżonn fejn il-kap tal-familja kien bla xogħol. Din l-iskema wkoll ma kinitx kontributorja u kienet tingħata wara test tal-mezzi.

1956: *L-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali*: Dan għamel provviżjonijiet għal għajjuna soċjali u medika (din tal-aħħar, kemm fi flus kontanti kif ukoll f'oġġetti) lil kapijiet tal-familja li kienu qiegħda u jew li kienu qegħdin ifittxu impjeg jew li ma setgħu jwettqu ebda xogħol minħabba xi marda speċifika, bil-kundizzjoni li r-riżorsi finanzjarji tal-familja tagħhom kienu inqas minn livell stabbilit. Persuni li jsofru minn mard kroniku kienu mogħtija ukoll kura medika ħlas, irrispettivament mir-riżorsi finanzjarji tal-familja tagħhom. Minbarra l-għajjuna soċjali u medika, dan l-Att ipprova wkoll għal kura istituzzjonali b'xejn għall-anzjani, żamma fl-isptar u kura b'xejn fl-istituzzjonijiet/sptarijiet kollha mmexxija mill-Gvern. L-għajjuna soċjali u medika kienet altrimenti tingħata wara test tal-mezzi. Barra minn hekk, kull min kien jikkwalifika għall-għajjuna soċjali kien jiġi mogħti ukoll allowance għall-kera jekk il-kap tal-familja kien qed iħallas il-kera għall-post tar-residenza tiegħu.

1956: *L-Att dwar is-Sigurtà Nazzjonali*: Dan għe introdott fl-istess sena tal-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali, u pprova għal skema komprensiva ta' sigurtà soċjali ffinanzjata permezz ta' kontribuzzjonijiet imħallsa mill-impjegatur, l-impjegat tiegħu u l-Istat. Dan l-Att kopra firxa wiesgħa ta' benefiċċji, allowances u pensjonijiet. Din l-iskema kienet obligatorja għall-persuni impjegati u kienet tkopri l-mard, il-korrimenti/mard relatat max-xogħol, il-qgħad, meta wieħed jormol, meta wieħed jiltem u x-xjuħija. Il-kopertura kienet universali u bbażata fuq kontribuzzjoni. Meta dan l-Att daħal fis-seħħ, l-'Att dwar il-Kumpens għall-Ħaddiema' għe revokat.

1957: L-Att dwar il-Pensjonijiet tax-Xjuħ tal-1948 ġie estiż għall-persuni għomja, u b'hekk iddaħħlet pensjoni mhux kontributorja ġdida msejġha Pensjoni għal Persuni Għomja, li kienet tingħata wkoll wara test tal-mezzi, u kienet titħallas biss lil persuni għomja li kellhom 40 sena jew aktar. Fl-1962 din l-età ta' kwalifika ġiet imnaqqsa għal 14-il sena, li kienet l-età meta wieħed jispiċċa mill-iskola.

1965: Il-persuni li jaħdmu għal rashom u l-persuni bla xogħol ġew inklużi permezz ta' l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.

1965: L-introduzzjoni ta' skema kontributorja għall-għoti ta' Pensjoni tal-Invalidità bħala benefiċċju ġdid.

1972: L-introduzzjoni ta' ħlas ta' Bonus annwali lill-pensjonanti kollha fuq is-Sigurtà Soċjali u riċevituri tal-Għajnuna Soċjali.

1974: Iddaħħlu l-Allowances tat-Tfal bħala parti mill-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. Il-ħlas ta' allowance bħal dan ma kienx suġġett għal xi test speċifiku għall-kontribuzzjoni bħalma kien il-każ sa dak iż-żmien għal benefiċċji oħra mħallsa taħt l-imsemmi Att.

1974: Iddaħħlet skema mhux kontributorja ta' Pensjoni għal Tfal b'Diżabilità li kienet estiża ulterjorment biex tkopri persuni li kienu qegħdin isofru minn subnormalità mentali severa jew minn paraliżi ċerebrali. Dawn il-provvedimenti ġew estiżi ulterjorment fl-1975 biex jinkludu ċerti kategoriji oħra ta' persuni b'diżabilitajiet severi.

1979: L-introduzzjoni ta' skema kontributorja ġdida għall-ħlas ta' pensjoni tal-irtirar relatata mal-paga/dħul finanzjarju, akkumpanjata minn skema ta' pensjoni għar-romol ikkalkulata fuq il-paga/dħul finanzjarju tar-raġel tagħhom li miet, li kienet tkopri kemm lil persuni impjegati kif ukoll lil persuni li jaħdmu għal rashom. Ġiet introdotta Pensjoni Minima Nazzjonali sabiex ikun żgurat li l-persuni li jitolbu pensjoni kontributorja ma jaqgħux taħt ċertu rata ta' pensjoni.

1981: L-introduzzjoni tal-Benefiċċju tal-Maternità, li jingħata lin-nisa tqal kollha. Il-ħlasijiet kienu jkopru l-aħħar 8 ġimgħat ta' qabel it-twellid u l-ewwel 5 ġimgħat ta' wara t-twellid. Barra minn hekk, il-Leave tal-Maternità mingħajr tnaqqis fil-paga, f'termini tal-Att (Regolament) dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xogħol, sar pagabbli lil nisa li ma japplikawx għall-Benefiċċju tal-Maternità.

1986: Il-ħlas tal-Għajnuna Soċjali ġie estiż għal nisa romol jew mhux miżżewġin li kienu qegħdin jieħdu ħsieb b'mod regolari waħedhom qarib/a tagħhom anzjan/a jew b'diżabilità.

1987: Il-provvedimenti tas-Sigurtà Soċjali ġew ikkonsolidati permezz tal-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tal-1987 (Kapitolu 318 tal-liġijiet ta' Malta riveduti), li ssostitwixxa l-Att dwar il-Pensjonijiet tax-Xjuħ tal-1948, l-Att dwar l-Assistenza Nazzjonali tal-1956 u l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali tal-1956.

1988: Iddaħħlu żewġ benefiċċji ġodda, jiġifieri l-Allowance għal Tfal b'Diżabilità u Allowance tal-Ġenitur li jingħata wara test tal-mezzi. Rekwiżit komuni għall-ħlas ta' dawn l-allowances kien li l-benefiċjarju (ġeneralment l-omm) jrid, qabelxejn, ikun intitolat għall-Allowance tat-Tfal.

1989: L-introduzzjoni ta' (a) Bonus tal-Familja (li jingħata lil min jirċievi l-Allowance tat-Tfal) u (b) Għajnuna ta' Emerġenza għal żmien qasir fi flus kontanti jew f'oġġetti lil nisa home-driven neqsin minn kollox li jsibu kenn temporanju f'dar għal dawn in-nisa.

1991: L-introduzzjoni ta' *Pensjoni tar-Romol u Allowance Supplimentari għall-Iltiema*.

1992: L-introduzzjoni ta' *Pensjoni tal-Wens* li tingħata lill-persuni kollha mhux miżżewġa jew romol li jkunu qegħdin jieħdu ħsieb ġenitur li ma jistax joħroġ mis-sodda jew limitat għal siġġu tar-roti, waħedhom.

1996: L-introduzzjoni ta' *Allowance Supplimentari* ddaħħlet għaċ-ċittadini Maltin kollha li d-dħul tagħhom kien inqas minn ċertu livell.

1996: Reviżjoni tal-iskema tal-Allowance tat-Tfal, li kienet iddaħħlet fl-1974, fejn din ġiet soġġetta għal test tal-mezzi tal-familja.

1997: Saru emendi fl-Att sabiex tingħata tifsira ġdida lit-terminu 'Pensjoni tas-Servizzi' li jippermettu persuni li jirċievu pensjoni ta' inqas minn Lm200 fis-sena li jibbenefikaw b'mod sħiħ minnha.

1998: It-tneħħija tad-differenzi kollha bejn il-kundizzjonijiet għad-dritt għal pensjoni tar-romol, li għamlet il-benefiċċji kollha applikabbli għal arma, fir-rigward tal-benefiċċji kontributorji applikabbli għal armel.

1998: Tneħħiet id-diskriminazzjoni fil-benefiċċji fuq il-bażi tas-sess tal-persuna, li għamlet kemm lill-irġiel miżżewġa kif ukoll lin-nisa miżżewġa intitolati għall-benefiċċju tal-mard bir-rata ta' persuna miżżewġa, sakemm il-konjuġi ma jkunx/tkunx f'impjeg bi qligħ.

2002: L-introduzzjoni ta' *Allowance għal Min Qed Jieħu Ħsieb*, biex tkopri tfal li jkunu qegħdin jgħixu f'istituzzjonijiet u lil tfal iffosterjati.

2005: It-tneħħija tad-diskriminazzjoni fir-rigward tal-pensjoni għal persuni b'diżabilità. Minn dik id-data, meta koppji miżżewġin kienu intitolati li jirċievu pensjoni għal persuni b'diżabilità, ir-rata ta' pensjoni li titħallas lil kull konjuġi saret ekwivalenti għar-rata li titħallas lil persuna waħda minflok benefiċċju li jitħallas lil koppja.

2008: L-Allowances tat-Tfal reġġu bdew jingħataw mingħajr test tal-mezzi.

Kif jista' jidher mid-diskussjoni storika qasira ta' hawn fuq dwar il-mod kif żviluppaw is-sigurtà soċjali f'Malta, l-iskemi kontributorji u mhux kontributorji żviluppaw b'mod parallel għal xulxin, speċjalment fiż-żminijiet moderni meta l-kunċetti tal-welfare bdew jieħdu post il-kunċett ta' karità kif kien jiġi pprattikat qabel, speċjalment permezz tal-istituzzjonijiet filantropiċi ispirati mill-Knisja. Anki llum, iż-żewġ linji ta' provvedimenti għadhom marbutin mill-qrib ma' xulxin, u flimkien huma pprovdedew xibka ta' sigurtà pjuttost komprensiva għall-popolazzjoni Maltija. Il-provvedimenti mhux kontributorji fis-seħħ hawn Malta jista' jingħad li huma dak li jqarrbu mill-qrib lid-definizzjoni ta' 'Skemi ta' Dħul Minimu', mfissra bħala:

- huma jassiguraw il-ħtiġijiet bażiċi fl-istandards minimi ta' għajxien, jipprovdu għajnuna għall-individwi u għal dawk li jiddependu minnhom, meta ma jkun hemm disponibbli l-ebda sors ieħor ta' appoġġ finanzjarju;
- mhumiex kontributorji u huma ffinanzjati mit-taxxi;

- fil-biċċa l-kbira, m'għandhomx limitu ta' żmien, għalkemm huma preżunti li huma temporanji;
- huma jeħtieġu li jkun hemm persuni kapaċi biex jaħdmu;
- huma jingħataw wara test tal-mezzi u huma soġġetti għal ċertu livell ta' diskrezzjoni mill-awtoritajiet;
- l-eliġibilità tagħhom tiddependi fuq l-età, u r-residenza għal perjodu minimu speċifikat;
- il-benefiċċji ġeneralment jiddependu fuq is-sitwazzjoni domestika tal-familja u ħafna drabi jkunu marbuta ma' benefiċċji soċjali oħra (akkomodazzjoni, tisħin tad-dar, allowances tat-tfal).

Fil-kuntest Malti, din id-definizzjoni tapplika f'sens wiesa'. Dan ir-rapport se jfittex li jidentifika l-oqsma fejn jeżistu diverġenzi. L-ewwel se nħarsu lejn il-leġiżlazzjoni attwali.

2. Il-Leġiżlazzjoni Attwali

2.1 Introduzzjoni

Kif diġà ntqal qabel, fil-leġiżlazzjoni attwali, l-iskemi mhux kontributorji huma koperti bl-Att ikkumplikat ħafna, magħruf bħala l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali, li jikkostitwixxi l-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta. L-Att jipprovdi għal żewġ skemi bażiċi. Skema minnhom hija magħrufa bħala *l-Iskema Kontributorja*, u l-oħra hija *l-Iskema Mhux Kontributorja*. Fl-Iskema Kontributorja, ir-rekwiżit bażiku għad-dritt huwa li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet speċifiċi tal-kontribuzzjoni. Fl-Iskema Mhux Kontributorja, ir-rekwiżit bażiku huwa li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet ta' test tal-mezzi.

L-amministrazzjoni u l-eżekuzzjoni tad-dispożizzjonijiet li jwasslu għall-implimentazzjoni ta' dawn iż-żewġ skemi hemm provvediment għalihom fl-Att. L-eżekuzzjoni hija ċentralizzata u vestita fid-Direttur, li għandu ċerti poteri diskrezzjonarji, iżda l-Att jipprovdi wkoll għal mekkaniżmi integrati li jiżguraw rimedju meta rikorrent iħossu aggravat. Fil-fatt, taqsima minnhom tipprovdi sabieħ jitressaq appell quddiem l-Arbitru li għandu s-setgħa li jiddeċiedi saħansitra kontra d-Direttur. Id-Direttur jista' jiġi sfidat ukoll fil-Qorti Ċivili, fosthom il-Qorti tal-Appell kif ukoll il-Qorti Kostituzzjonali.

Id-dispożizzjonijiet mhux kontributorji kienu oriġinarjament maħsuba biex jaqdu 'l dawk taħt il-'linja tal-povertà', iżda mas-snin evolwew fi skema komprensiva b'numru ta' benefiċċji li jissupplimentaw lil xulxin. Dan għamilha possibbli għall-allokazzjoni simultanja ta' aktar minn benefiċċju wieħed f'dawk il-każijiet fejn tkun preżenti iżjed minn kontinġenza waħda. Barra minn hekk, permezz tal-proċess ta' indirizzar lejn kategoriji speċifiċi, din l-iskema intużat biex tingħata għajjnuna addizzjonali lil ċerti kategoriji speċifiċi bħal pereżempju, fil-każ ta' persuni b'diżabilità, fil-każ ta' ġenituri singoli, kif ukoll fil-każ tal-familja bħala unità singola. Ir-riżultat finali huwa li f'ħafna każijiet, l-ammont ta' għajjnuna li titthallas jikkumpara b'mod favorevoli ma' dak li huwa definit bħala l-paga soċjali preżenti. Din il-flessibilità saret possibbli billi kienu applikati testijiet differenti tal-mezzi għal ċerti benefiċċji, u bit-tneħħija tal-limiti ta' nuqqas ta' dritt u s-sostituzzjoni tagħhom b'dawk li huma magħrufin bħala sistemi ta' *topping up*. Dawn l-iżviluppi seħħew fuq numru ta' deċennji u kienu promossi minn gvernijiet differenti, irrispettivament mill-ideoloġija politika. F'ħafna modi, huma jipprovdu punt ta' vantaġġ interessanti dwar il-mod kif żviluppat is-soċjetà Maltija, kemm politikament kif ukoll ekonomikament, hekk kif hija għaddiet minn kolonja dipendenti fuq in-nefqa tas-Servizzi Ingliżi għal stat repubblikan modern indipendenti bi sħubija sħiħa fl-UE.

L-Iskema Kontributorja jista' jingħad li taħseb għan-naħa l-oħra tal-munita. Din l-iskema hija universali billi tkopri tista' tgħid il-faxex kollha tas-soċjetà. L-iskema kontributorja f'Malta hija sistema li biha impjegat, persuna li timpjega lilha nnifisha jew persuna li taħdem għaliha nnifisha tħallas kontribuzzjoni fil-ġimgħa kif stipulat fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. L-iskema tkopri lill-impjegati kollha, lil dawk li jaħdmu għalihom infushom, lil dawk li jimpjegaw lilhom infushom u lill-persuni qiegħda. Jeżistu klassijiet u kategoriji differenti ta' 'kontribuzzjonijiet'; f'xi każijiet, isir provvediment għall-kreditu minflok il-ħlas tal-kontribuzzjonijiet.

2.2 Benefiċċji mhux kontributorji

Kważi l-benefiċċji mhux kontributorji kollha huma bbażati fuq test tal-mezzi finanzjarji tal-persuna li titlob xi pensjoni/benefiċċju jew allowance. Bħal fid-definizzjoni mogħtija fil-bidu ta' dan ir-rapport, it-test tal-mezzi huwa bbażat fuq il-familja, u mhux fuq l-individwu. Fil-fatt, dawn il-benefiċċji mhux kontributorji huma mmirati primarjament sabiex jipprovdu għajjnuna soċjali u medika (din tal-aħħar, kemm fi flus kontanti kif ukoll f'oġġetti) lil kapijiet tal-familja li jkunu qiegħda u li jew ikunu qegħdin ifittxu impjeg jew li ma jkunu jistgħu jwettqu ebda xogħol minħabba xi marda speċifika, bil-kundizzjoni li r-riżorsi finanzjarji tal-familja tagħhom ikunu inqas minn ċertu livell.

Il-benefiċċji mhux kontributorji jakkumulaw ukoll favur persuni li jbatu minn ċertu mard kroniku. Dawn huma mogħtija għajjnuna medika mingħajr ħlas, irrispettivament mir-riżorsi finanzjarji tal-familja tagħhom. Kull min jikkwalifika għall-għajjnuna soċjali jingħata wkoll allowance għall-kera, jekk il-kap tal-familja jkun qiegħed iħallas il-kera għall-post tar-residenza tiegħu.

2.2.1 It-Test tal-Mezzi

Kif diġà ġie indikat, *ħafna, iżda mhux* il-benefiċċji mhux kontributorji *kollha*, jingħataw bil-kundizzjoni li jsir test tal-mezzi finanzjarji fuq il-familja sħiħa u li tingħata prova li d-dħul tal-familja jkun inqas minn ċertu livell. Hemm tliet drittijiet ta' għajjnuna mhux kontributorja li ma jistriħux fuq test tal-mezzi finanzjarji u dawn huma l-Allowances tat-Tfal, l-Għajjnuna għal każijiet ta' Lebbra u l-Għajjnuna għal każijiet ta' Tuberkulożi. Ladarba jiġi aċċertat li persuna jkollha l-Lebbra jew it-Tuberkulożi, dik il-persuna tkun awtomatikament intitolata għall-benefiċċju mhux kontributorju relattiv.

It-test tal-mezzi huwa l-bażi li fuqu jiddependi d-dritt għal benefiċċji, pensjonijiet u għajnuniet mhux kontributorji. Dan it-test jintuża wkoll sabiex jistabbilixxi jekk persuna hijiex intitolata għal eżenzjoni mill-ħlas ta' kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali taħt l-iskema kontributorja.

Il-benefiċċji, l-għajnuniet u l-pensjonijiet mhux kontributorji, li huma soġġetti għal test tal-mezzi, huma dawn:

- Għajjnuna għal Mard;
- Għajjnuna Medika;
- Għotja għal Ħalib;
- Pensjoni tal-Età;
- Għajjnuna Soċjali;
- Pensjoni għall-Wens;
- Allowance għal Tfal b'Diżabilità;
- Pensjoni għal Persuni b'Diżabilità; u
- Allowance Supplimentari.

It-test tal-mezzi huwa regolat skont it-Tieni Skeda tal-Att. Din l-Iskeda hija maqsuma fi tmien partijiet, kull waħda skont it-tip ta' Għajnuna, Allowance, Pensjoni, jew benefiċċju li jkun qed jiġi ttestjat. Din hija sezzjoni kkomplicata ħafna tal-leġiżlazzjoni minħabba li ġiet emendata bosta drabi. Is-sezzjonijiet rispettivi jkopru:

- Eżenzjoni mill-ħlas ta' Kontribuzzjoni tat-Tieni Klassi;
- Għajnuna għal Mard;
- Għajnuna Medika Bla Ħlas;
- Pensjoni tal-Età u Pensjoni għall-Wens;
- Pensjoni għal Diżabilità u Pensjoni għal Persuna b'Vista Batuta;
- Għajnuna Soċjali;
- Allowance tat-Tfal u Allowance għal Tifel/Tifla b'Diżabilità;
- Allowance Supplimentari.

It-test tal-mezzi għandu żewġ komponenti bażiċi. L-ewwel komponent huwa dak magħruf bħala t-Test tar-Riżorsi Kapitali, filwaqt li t-tieni komponent huwa magħruf bħala t-Test tad-Dħul. It-test tal-mezzi jsir fuq il-proprjetà u d-dħul tal-familja sħiħa u mhux fuq dak tar-rikorrent waħdu. Madankollu, hemm provvediment li fil-każ ta' ċerti għajnuniet, il-membri tal-familja li jaħdmu jkunu esklużi. Fil-każ tal-Allowance tat-Tfal, it-test tal-mezzi għie abolit u issa qiegħed jingħata lit-tfal kollha ta' taħt is-16-il sena. Fil-każ tal-Allowance għal Tifel/Tifla b'Diżabilità, jiġi kkunsidrat biss l-ogħla dħul ta' wieħed/waħda mill-ġenituri.

It-Test tar-Riżorsi Kapitali għal Pensjoni tal-Età, għal Għajnuna Soċjali u għal Għajnuna Medika jipprovdi li fil-każ ta' persuna waħidha, il-kapital ma jaqbiżx € 14,000 filwaqt li fil-każ ta' familja ta' żewġ persuni jew aktar, il-kapital ma jaqbiżx €23,300. Tajjeb li wieħed jinnota li ċerta proprjetà hija eskluża għal skopijiet ta' kalkolazzjoni tal-Kapital. Id-dar tar-residenza, karozza privata, garaxx għal użu privat, u residenza tas-sajf kollha huma esklużi. Barra minn hekk, kwalunkwe proprjetà immobbli, li tkun qiegħda titpoġġa għal użu bi qligħ, bħal pereżempju proprjetà, li tkun qiegħda tinkera lil partijiet terzi, ma tiġix kapitalizzata iżda jittieħed biss id-dħul.

Ladarba jiġi stabbilit l-ammont ta' riżorsi kapitali ta' proprjetà mhux użata, l-ewwel €582.50 ma jitqiesux. Il-bilanċ li jifdal jiġi konvertit għal dħul annwali bil-5.5% fis-sena. Meta l-proprjetà ma tkunx tal-Kap tal-familja jew ta' martu, iżda ta' membri oħrajn, bħal pereżempju t-tfal, jittieħed biss nofs il-valur tal-proprjetà.

Fil-każ tat-test tad-dħul finanzjarju, jiġi kkunsidrat id-dħul kollu tal-kap tal-familja u tal-mara tiegħu. Fil-każ ta' membri oħrajn tal-familja, il-membri li jaħdmu huma esklużi u f'dawk il-każi fejn il-pagi jiġu kkunsidrati, dawn jittieħdu wara li titnaqqas il-kontribuzzjoni tas-sigurtà soċjali u ssir konċessjoni għall-ispejjeż tal-ivvjaġġar. Jiġi kkunsidrat biss 19.3% tad-dħul li jirriżulta minn proprjetà ta' membri oħra tal-familja. Ladarba jiġi stabbilit id-dħul totali tal-familja, l-ewwel ammont (ekwivalenti għal madwar €100) ma jitqiesx. Il-bilanċ li jifdal imbagħad jitqabbel mar-rati tal-iskali applikabbli li wkoll qegħdin jiġu riprodotti¹

Tajjeb li wieħed jinnota li t-test tal-mezzi għie mmodifikat matul is-snin sabiex jaħseb għal ħtiġijiet ġodda, li minn żmien għall-ieħor jitfaċċaw f'soċjetà dinamika. It-test tal-mezzi jista' jingħad li huwa indikattiv tal-livell ta' ġustizzja soċjali li timplimenta parti partikolari tal-leġiżlazzjoni.

¹ Jekk jogħġbok irreferi għall-Iskedi Numru Sitta sa Tmienja tal-Att prinċipali.

2.2.2 Skemi ta' Benefiċċji

L-iskemi differenti applikabbli f'Malta li jistgħu jinġabru flimkien taħt it-titlu ġenerali ta' 'Skema ta' Dħul Minimū' huma miġbura fil-qosor fit-Tabella 1 u 2, li jirrappreżentaw rispettivament il-**Pensjonijiet** u allowances oħra għall-**Familja**.

Tabella 1: Pensjonijiet

(Referenzi għal 'Skedi' irreferi għall-Iskedi fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali)

Tip	Titħallas lil	Isir/Ma jsirx test tal-mezzi	Ammont fis-Sena	Ipprovduta b'mod indefinit/Limitat
Pensjoni tal-Età	Titħallas lil ċittadini Maltin ta' aktar minn 60 sena. <u>N.B. Jitħallas Bonus għall-Għoli tal-Fajja ta' €0.70 fil-ġimgħa lil persuni li jirċievu Pensjoni Minima Nazzjonali bir-rata ta' persuna miżżewġa</u>	Persuni li mhumiex koperti b'kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Nazzjonali Testijiet tal-Kapital u tad-Dħul Il-mezzi kapitali ma jaqbżux € 14,000 għal persuna waħedha u €23,300 għal persuna miżżewġa. Ir-rikorrent irid l-ewwel jissodisfa l-mezzi kapitali. Jekk l-ammont ma jinqabiżx, irid jiġi sodisfatt ukoll it-test tad-Dħul. Ir-rikorrent ma jridx jaqbeż ir-rata applikabbli taqsima 66 parti IV tat-tieni skeda	L-ogħla rati: a) koppja miżżewġa fejn jikkwalifikaw it-tnejn: €114.16 b) koppja iżda tikkwalifika persuna waħda biss: €71.42 c) Armel/persuna waħedha: 89.03 +€1.16 kull ġimgħa jekk titħallas il-kera għall-post tar-residenza	Indefinit
Pensjoni għal Persuni b'Viżta Batuta	Titħallas lil ċittadin ta' Malta ta' aktar minn 14-il sena li l-attività viżwali tiegħu tkun ġiet iċċertifikata minn oftalmologu li hija tant baxxa li ma tippermettilux iwettaq xogħol li għalih tkun essenzjali l-viżta.	MA JSIRX test tal-kapital iżda jsir Test tad-Dħul Ma tinqabiżx il-paga minima bażika taqsima 27 parti V tat-tieni skeda	L-ogħla rata: €83.86 fil-ġimgħa +€1.16 fil-ġimgħa jekk titħallas il-kera għall-post tar-residenza	Indefinit
Pensjonijiet għal Persuni b'Diżabilità	Jitħallsu lil ċittadin Maltin ta' aktar minn 16-il sena. Huma elenkati diversi tipi ta' diżabilitajiet taħt l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.	MA JSIRX test tal-kapital iżda jsir Test tad-Dħul Ma tinqabiżx il-paga minima bażika taqsima 27 parti V tat-tieni skeda	L-ogħla rata: €83.86 fil-ġimgħa +€1.16 fil-ġimgħa jekk titħallas il-kera għall-post tar-residenza	Indefinit
Pensjoni għall-Wens	Titħallas lil ċittadini Maltin waħedhom jew romol li jkun qegħdin jieħdu ħsieb qarib tagħhom li ma jistax joħroġ mis-sodda jew li jkun konfinat f'siġġu tar-roti, fuq bażi full-time.	Isir Test tal-Kapital u tad-Dħul Il-mezzi kapitali ma jaqbżux €14,000 għal persuna waħda u €23,300 għal persuna miżżewġa. Ir-rikorrent l-ewwel irid jissodisfa l-mezzi Kapitali. Jekk l-ammont ma jinqabiżx, irid jiġi sodisfatt ukoll it-test tad-Dħul. Id-dħul ma jridx jaqbeż ir-rata applikabbli taqsima 68 parti iv tat-tieni skeda	L-ogħla rata: €88.21 fil-ġimgħa +€1.16 fil-ġimgħa jekk titħallas il-kera għall-post tar-residenza	Indefinit

Tip	Titħallas lil	Isir/Ma jsirx test tal-mezzi	Ammont fis-Sena	Ipprovduta b'mod indefinit/Limitat
Għajnuna Soċjali	Titħallas lil a) kapijiet tal-familja u li jew ikunu bla xogħol jew qegħdin ifittxu impjeg u fejn il-mezzi finanzjarji relattivi jkunu inqas minn dak stabbilit mill-Att dwar is-Sigurtà Soċjali. b) lil nisa waħedhom jew romol li ma jkollhomx riżorsi finanzjarji u li jkunu qegħdin jjeħdu ħsieb qarib/a anżjan/a jew b'diżabilità fiżika/mentali fuq bażi full-time.	Isir Test tal-Kapital u tad-Dħul Il-mezzi Kapitali ma jaqbżux € 14,000 għal persuna waħedha u €23,300 għal persuna miżżewġa. Ir-rikorrent l-ewwel irid jissodisfa l-mezzi Kapitali. Jekk l-ammont ma jinqabiżx, irid jiġi sodisfatt ukoll it-test tad-Dħul. Ir-rikorrent ma jridx jaqbeż ir-rata applikabbli, skont it-Taqsima 30 parti II u VI tat-tieni skeda	a) Persuna waħda: €84.95 fil-ġimgħa b) Addizzjonali: €8.15 fil-ġimgħa +€1.16 fil-ġimgħa jekk titħallas il-kera għall-post tar-residenza	Sakemm ikunu applikabbli kemm it-Test tal-Kapital kif ukoll tad-Dħul
Għajnuna ta' Emerġenza	Titħallas lil mara li tkun jew ġiet magħmula nieqsa minn kollox mill-kap tal-familja sal-punt li hija tibda tgħix f'xi istitut għall-kura u l-benesseri ta' dawn il-persuni. Dan il-benefiċċju jitħallas mid-Dipartiment tal-Welfare.	<u>Dan il-provvediment qatt ma ntuża</u>		
Għajnuna għal Mard	Titħallas lil persuni li jkunu jbatu minn marda jew kundizzjoni kronika li teħtieġ dieta speċjali	Isir Test tal-Kapital u tad-Dħul. Il-mezzi Kapitali ma jaqbżux €14,000 għal persuna waħedha u €23,300 għal persuna miżżewġa. Ir-rikorrent l-ewwel irid jissodisfa t-test tal-mezzi Kapitali. Jekk l-ammont ma jinqabiżx, irid jiġi sodisfatt ukoll it-test tad-Dħul. Ir-rikorrent ma jridx jaqbeż ir-rata applikabbli <u>It-Test tal-Mezzi ma jaqbiżx ir-rata ta' hawn isfel:</u> Persuna waħda: €21.66 fil-ġimgħa Persuni addizzjonali: €8.51 fil-ġimgħa	a) L-Ewwel Membru tal-Familja: €20.15 fil-ġimgħa b) oħrajn: €15.02 fil-ġimgħa	Indefinit
Għajnuna għal każijiet ta' Tuberkużi	Titħallas lill-kap tal-familja jew lil kwalunkwe membru tal-familja li jkun ibati minn jew, fl-aħħar 5 snin, ikun bata mit-Tuberkużi.	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	a) lill-familja jekk tkun affettwata persuna waħda: €22.94; b) kull membru addizzjonali: €12.70	Indefinit Titħallas sal-aħħar tal-kura
Għajnuna għal każijiet ta' Lebbra	Titħallas lill-kap tal-familja u lil kwalunkwe membru tal-familja li jkun qiegħed jirċievi l-kura għal-lebbra.	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	a) lill-kap tal-familja: €30.28 fil-ġimgħa b) oħrajn taħt 16-il sena: 15.96 c) oħrajn ta' aktar minn 16-il sena: 30.28 d) oħrajn li ma jkunu jaħdmu bi qligħ: €15.96	Indefinit

Tip	Titħallas lil	Isir/Ma jsirx test tal-mezzi	Ammont fis-Sena	Ipprovduta b'mod indefinit/Limitat
Għotja għall- Ffalib	għandu l-kura jew il-kustodja ta' tarbija ta' inqas minn 40 ġimgħa li tkun:- (a) se tinfatam jew, (b) qiegħda tiflef il-piż minkejja li tkun qiegħda titredda' jew, (ċ) tkun membru ta' familja li tkun qiegħda tirċievi Għajjnuna għal każijiet ta' Tuberkulożi.	Intitolat biss jekk tirċievi l-Għajjnuna Soċjali	€15.96 fil-ġimgħa	40 ġimgħa Mit-twelid tat-tarbij
Għajjnuna Medika Bla Ffals	Titħallas lil persuna li minħabba diżabilità jew marda (u li ma tkunx ospitalizzata), tkun teħtieġ għajjnuna medika, kirurġika jew farmaċewtika.	Isir test tal-mezzi ħlief f'każijiet fejn il-persuna jkollha t-tuberkulożi, il-lebbra, il-poljo jew id-dijabete mellitus jew mard kroniku ieħor deskritt fl-Att dwar is-Sigurtà Soċjali <u>Test tal-Mezzi jekk il-persuna ma tkunx f'impjeg assigurabbli u lanqas taħdem għaliha nnifisha:</u> Dħul massimu: persuna waħda €27.37; persuni addizzjonali: €8.15	Kif meħtieġ	Indefinit

Tabella 2: Allowances tal-Familja u Benefiċċji tal-Maternità (Ukoll Benefiċċji 'Mhux Kontributorji')

Tip	Titħallas lil	Isir/Ma jsirx test tal-mezzi	Ammont fis-Sena	Ipprovduti b'mod indefinit/Limitat
Allowance tat-Tfal	Jitħallas lil nisa li jgħixu lokalment (ċittadini ta' Malta jew miżżewġa lil ċittadini ta' Malta)7 li għandhom il-kura ta' tfal ta' inqas minn 16-il sena,	Ma Jsirx Test tal-Mezzi:	€4.81 fil-ġimgħa sa massimu ta' €250 fis-sena għal kull tifel/tifla	Sakemm it-tfal jagħlqu 16-il sena
Allowance Speċjali	Jitħallas lil nisa li jgħixu lokalment (ċittadini ta' Malta jew miżżewġin lil ċittadin ta' Malta) li għandhom il-kura ta' tifel/tifla ta' 16-il sena jew aktar li jew ikun għadu l-iskola jew qiegħed jirreġistra għax-xogħol.	Isir test tal-mezzi: id-dħul tal-familja ma jaqbiżx ammont stipulat (preżentament)	Minimu €4.81 u massimu €7.41 Maħdum bħala 2% tad-differenza ben €23923 u €4658	
Allowance għal Tifel/Tifla b'Diżabilità	Jitħallas lil ċittadini ta' Malta li jkunu jgħixu lokalment li jkollhom il-kustodja effettiva ta' tifel/tifla li jsofri minn paraliżi ċerebrali jew subnormalità mentali severa jew ikollu diżabilità severa jew li jkollhom tifel/tifla ta'	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	€16.31 għal kull tifel/tifla fil-ġimgħa	Indefinit

MALTA

	inqas minn 14-il sena b'viżta batuta.			
Tifel/Tifla f'Kustodja	Jitħallas lil istituti rikonoxxuti għall-kura tat-tfal jew lil ġenituri li jiffosterjaw. It-tfal iridu jkunu residenti f'istitut rikonoxxut u żgħażaġh jew jgħixu ma' ġenituri li jiffosterjaw. <u>NB: Allowance simili ta' €23.29 fil-ġimgħa jitħallas lil residenti ta' komunità terapewtika</u>	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	€39.60 għal kull tifel/tifla fil-ġimgħa. L-allowance jkompli jitħallas sakemm il-persuna jkollha 18-il sena jekk ma tkunx taħdem bi qligħ	Sakemm it-tfal ikollhom 18-il sena bil-kundizzjoni li ma jkunux jaħdmu bi qligħ
Benefiċċju tal-Maternità	Jitħallas lil ċittadini ta' Malta li jgħixu lokalment li jkunu tqal.	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	Għotja taż-Żwieġ: €232.94; Rata kull ġimgħa bħala Benefiċċju tal-Maternità: €63.48	Għall-aħħar 8 ġimgħat tat-tqala u l-ewwel 5 ġimgħat wara t-twelid tat-tarbija. Jitħallas biss jekk il-mara ma tkunx intitolata għal leave tal-maternità mill-impjegatur tagħha, jekk tkun taħdem.
Bonus(1) Jitħallas f'Ġunju u f'Diċembru	Jitħallas lill-persuni kollha li jkunu qegħdin jirċievu pensjoni, allowance ta' Itim, Għajjuna Soċjali u Għajjuna dwar il-Lebbra skont l-Att dwar is-Sigurtà Soċjali.	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	€135.10 F'Ġunju u f'Diċembru	Indefinit
Bonus(2) Jitħallas f'Ġunju u f'Diċembru	Jitħallas lil persuni li jirċievu pensjoni għal servizzi li taw f'Malta, jew pensjonanti li kienu fis-Servizzi Inġliżi, jew persuni ta' aktar minn 75 sena li jirċievu pensjoni tas-servizzi minn kwalunkwe sors ieħor, jew persuni li twieldu qabel l-1902.	MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	€216.22 €135.1+ €81.12 F'Ġunju u Diċembru	Indefinit
Bonus Addizzjonali li Jitħallas f'Marzu u f'Settembru		MA JSIRX TEST TAL-MEZZI	€81.12 F'Marzu u f'Settembru	Indefinit
Allowance Supplimentari	Jitħallas lil familji fejn id-dħul totali tal-membri jkun inqas mil-limiti stipulati mill-Att dwar is-Sigurtà Soċjali minn żmien għall-ieħor	Attwalment, il-limitu tad-dħul għal dan it-tip ta' Allowance huwa ta' €9926 għal persuna miżżewġa u €7799 fil-każ ta' persuna waħedha	Persuna miżżewġa: €372.72; Persuna waħedha: €209.64	Indefinit
Benefiċċju tal-Enerġija	Jitħallas lil familji li ma jikkonsmawx ammonti speċifiċi	Jiddependi fuq l-użu tal-enerġija	Skont l-iskali applikabbli	Indefinit

2.2.3 Differenzi

Mill-benefiċċji elenkati hawn fuq, il-persuni ta' taħt is-60 sena jibbenefikaw mill-provvedimenti b'mod differenti minn dawk miftuħa għal persuna ta' aktar minn 60 sena, kif ġej:

a) *Persuni ta' taħt is-60 sena*

- Għajjnuna Soċjali;
- Allowance tat-Tfal;
- Allowances Supplimentari;
- Benefiċċji tal-Enerġija;
- Għajjnuna għal Mard;
- Għajjnuna Medika b'Xejn, li tkopri l-Mediċini b'xejn (skema ġeneralment magħrufa bħala l-'Karta r-Roża');
- Għotja għal Ħalib.

b) *Persuni ta' aktar minn 60 sena*

- Pensjoni tal-Età;
- Allowances Supplimentari;
- Benefiċċju tal-Enerġija;
- Għajjnuna għal Mard;
- Għajjnuna Medika Bla Flus, li tkopri l-Mediċini b'xejn (skema ġeneralment magħrufa bħala l-'Karta r-Roża').

2.3 In-Nefqa u l-Benefiċjarji

Kif jista' jidher miż-żewġ tabelli li ġejjin (Tabella 3 u 4), li jkopru rispettivament in-**Nefqa** u n-**Numru ta' Benefiċjarji**, il-piż fuq il-fondi pubbliċi Maltin tal-iskemi mhux kontributorji huwa sostanzjali u f'dibattiti pubbliċi sikwit jitqajmu kwistjonijiet ta' sostenibbiltà.

MALTA

Tabella 3: Ammont imħallas (f'€uro)

	1992	1993	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Pensjoni tal-Età	8011738	8065526	8378102	8657423	10532283	12057161	13137425	13534292	13378792	14401259	13584641	13717136	14604482	15881872	16993923	17577513	18012915
Pensjoni għal Persuni b'Viżta Batuta	Ammonti mħallsa fir-rigward ta' Pensjonijiet għal Persuni b'Viżta Batuta huma inklużi fl-ammont mogħti għall-Pensjoni tal-Età għal kull sena rispettiva																
Pensjoni għal Persuni b'Diżabilità	3867693	3712161	4067041	4487825	5042838	5226964	5475777	5864053	6048557	6829559	6637259	7219841	7670038	8345920	8583946	8942260	9601456
Pensjoni għal-Wens		489708	482389	529698	772500	984232	1087872				351052	443709			960135	899215	841039
Għajjuna Soċjali	14846101	18221628	19330391	19355114	23550433	27496486	30967201	35265925	35988989	36625454	40099950	44151419	48391633	51292350	53014560	55138835	56270592
Għajjuna ta' Emerġenza																	
Għajjuna għal Mard	6091053	7061149	6929504	7481998	8663178	9816714	10637109	11844245	11840289	12037160	12126003	13287911	13485896	14484701	15144308	15734849	16053096
Għajjuna għal każijiet ta' Tuberkulożi	92615	89549	72766	68896	67882	70811	53383	43606	40276	42979					19807	11380	3841
Għajjuna għal każijiet ta' Lebbra	134795	139334	125475	121780	124457	126067	137144	131244	120992	11631					109654	104160	98032
Għotja għal Ħlib	13185	15739	16846	14644	25518	35896	39594	52994	43012	44918					51078	56074	76055
Għajjuna Medika Bla Ħlas																	
Allowance tat-Tfal	33765498	33697902	36375913	36165165	42717146	47461145	46859727	44351005	42942643	36933606	36931644	34620606	33284227	31578476	31005988	29152920	40241871
Allowance Speċjali																	
Allowance għal Tifel/Tifla b'Diżabilità	221171	222065	239755	243282	210345	296861	401156	386340	393139	400925	389921	286376	199835	294708	400485	399917	624996
Allowance għat-Trobbija tat-Tfal	3043938	2565703	2336216	2002905	1011432												
Benefiċċju tal-Maternità	965960	866238	901528	1138009	1264402	1247703	1433947	1401220	1308032	1374385	1438449	1488115	1460213	1548269	1664000	1840609	2066441
TOTAL	71053746	75146701	79255926	80266739	93982414	104820039	110230336	112874923	112104721	108701877	111558918	115215112	119096324	123426295	127947884	129857732	143890334

Nota: Il-kaxex vojta jindikaw li l-informazzjoni rispettiva mhijiex disponibbli

MALTA

Tabella 4: Numru ta' Benefiċjarji

	1992	1993	1994	1995	1996	1997	1998	1999	2000	2001	2002	2003	2004	2005	2006	2007	2008
Pensjoni tal-Età	3798	4261	3833	3716	3920	4317	4346	4271	4068	3936	4224	4098	4409	4710	4818	4885	4883
Pensjoni għal Persuni b'Viżta Batuta	115	133	129	133	130	117	111	114	119	123	138	143	145	146	153	165	170
Pensjoni għal Persuni b'Diżabilità	1608	1682	1794	1830	1868	1804	1498	1821	1831	1860	1956	2047	2092	2139	2194	2237	2261
Pensjoni għall-Wens	17	172	191	209	251	300	320	317	301	276	314	296	282	260	251	229	205
Għajjuna Soċjali	7165	8107	7867	7353	8124	8880	9783	10408	10041	10254	14209	12768	16227	16756	16424	16532	16662
Għajjuna ta' Emerġenza																	
Għajjuna għal Mard	10470	11531	12149	12469	13156	13857	14175	14344	13611	13483	14467	14553	14520	14635	14631	14712	14332
Għajjuna għal każijiet ta' Tuberkulożi	92	108	98	91	88	76	59	40	38	41	46	33	25	23	24	20	9
Għajjuna għal każijiet ta' Lebbra	94	98	92	88	87	85	84	79	72	69	70	68	64	61	57	57	50
Għotja għal Ftalib	156	22	23	43	51	66	66	46	45	50	149	157	152	162	133	149	191
Għajjuna Medika Bla Ftas	5140	5756	5631	5292	4710	4867	4822	8636	6559	4892	8552	165	8013	7133	8035	8030	7502
Allowance tat-Tfal	52648	51672	51685	51535	47480	43477	42581	41570	40991	35814	37141	36481	37809	35905	34354	31951	28219
Allowance Speċjali		1284	1046	1177													
Allowance għal Tifel/Tifla b'Diżabilità	586	594	593	604	577	462	577	603	603	544	597	660	673	660	646	682	709
Allowance għat-Trobbija tat-Tfal	12035	10497	9418	7995	8036												
Benefiċċju tal-Maternità	5071	4759	4590	4458	4079	4013	3652	3424	3305	2958	3243	2839	2774	2671	2497	2629	2687
TOTAL	98995	100676	99139	96993	92557	82321	82074	85673	81584	74300	85106	74308	87185	85261	84217	82278	77880

Nota: Il-kaxx vojta jindikaw li l-informazzjoni rispettiva mhijiex disponibbli

3. Analiżi

Is-sistema tal-benefiċċji mhux kontributorji Maltija ma tistax titqies b'hal Skema ta' Dħul Minimu li tapplika għal kulħadd f'sens dejjaq minħabba li hija ma tfittix li tassigura dħul minimu għaċ-ċittadin individwali b'mod standardizzat u ħolistiku. Kif jista' jidher mis-sommarju tas-sistema kkomplicata ħafna mogħtija hawn fuq, din fil-fatt hija magħmula minn sett ta' provvedimenti li ġew żviluppati maż-żmien, għal raġunijiet differenti u bi tweġiba għal tipi differenti ta' pressjonijiet jew lobbying.

Ta' min issa jifoka b'aktar dettall fuq xiaspetti tal-iskemi .

3.1 Il-kumplessità

L-iskemi huma kumplessi ħafna. Tipi ta' mard differenti jwasslu għal tipi ta' benefiċċji differenti. Il-komputazzjonijiet tat-testijiet tal-mezzi li fuqhom huma bbażati l-benefiċċji mhumiex sempliċi affattu.

Qari tal-leġiżlazzjoni nnifisha tħalli wieħed perpless għax, b'hal fil-każ tal-iskeda dwar l-Allowances tat-Tfal, kienu introdotti sezzjonijiet sabiex jirrendu sezzjonijiet oħra, li madankollu jibqgħu parti mil-leġiżlazzjoni, bla ħtieġa.

Dak li huwa meħtieġ b'mod urġenti huwa reviżjoni kompleta tal-leġiżlazzjoni eżistenti li fiha d-diversi benefiċċji jiġu adattati mill-ġdid sabiex jaqblu mal-kunċett ta' Skema ta' Dħul Minimu b'hal kunċett ħolistiku u mhux sistema kumplessa ta' benefiċċji indirizzati lejn iċ-ċirkustanzi differenti fil-ħajja. Naturalment dan għandu wkoll xi żvantaġġi, għax jista' jiġi argumentat li fuq il-bażi tal-leġiżlazzjoni attwali tista' tiġi adattata skema ta' benefiċċji li tissodisfa l-ħtiġijiet personalizzati. Iżda l-vantaġġi li jirriżultaw minn skema ssimplifikata u integrata għandhom jisbqu bil-bosta kwalunkwe żvantaġġ li jista' jirriżulta minn provvediment armonizzat ibbażat fuq il-kunċett ta' ta' Dħul Minimu. Jidher li jeżisti interess biex Malta timxi f'din id-direzzjoni.

3.2 Ibbażati fuq il-familja u mhux fuq il-persuna individwali

Wieħed mill-aspetti fundamentali tal-leġiżlazzjoni Maltija attwali hija li ħafna mill-provvedimenti huma bbażati fuq il-'familja', u mhux fuq l-'individwu'. Il-provvedimenti 'bbażati fuq l-individwu' jkopru biss aspetti minuri, b'hal-provvediment fir-rigward tal-persuni neqsin mid-dawl. Dan huwa komprensibbli fil-kuntest tas-soċjetà Maltija tradizzjonali, li fiha l-familja kienet l-aktar nukleu importanti tas-soċjetà u r-rabtiet familjari kienu b'saħħithom ħafna. It-tibdil soċjali qiegħed ibiddel dan b'pass imgħaġġel, u r-rabtiet familjari b'saħħithom ta' qabel qegħdin malajr isiru dejjem aktar laxki. Is-sitwazzjoni fil-preżent timplika li persuni żgħażaġh li jkunu għadhom jgħixu mal-familja tal-orġini tagħhom prattikament jistgħux jibbenefikaw minn xi benefiċċji: minn banda waħda, p.e. ma jistgħux jibbenefikaw mill-benefiċċji marbuta ma' nuqqas ta' xogħol li jiġu mgħoddija mill-għarbiel tat-test tal-mezzi; u mill-banda l-oħra ma tantx ikunu jistgħu japplikaw għal benefiċċji marbuta mal-kontribuzzjonijiet jew għax ma jkollhomx biżżejjed kontribuzzjonijiet jew għax fil-fatt qatt ma jkunu ħadmu u allura ma jkunu ħallsu l-ebda kontribuzzjoni.

Il-konsegwenzi diretti u indiretti ta' dan huma ovvjji immedjatament. L-ewwel nett din is-sitwazzjoni għandha t-tendenza li tipperpetwa element ta' dipendenza li f'xi każijiet tista' jmur lil hinn mill-element ta' solidarjetà li kull familja Maltija normalment tfittex li timplimenta.

Iżda li jkollok skema, jew sett ta' skemi, ibbażati fuq il-familja jaħbi wkoll inugwaljanzi fi ħdan familja f'qasam wieħed biss tal-politika pubblika. Jista' jiġi argumentat li, ladarba fis-seħħ, l-istess approċċ għandu jiġi applikat ukoll għall-politika fiskali bir-riżultat li jekk membru ta' familja jkollu dħul għoli iżda jkun qiegħed isostni persuna oħra fl-istess familja li tkun qiegħda, għandhom jingħataw krediti tat-taxxa lill-persuna bl-aktar dħul għoli jekk tassew trid tiġi implimentata l-ġustizzja kommutattiva. Li jkollok sigurtà soċjali bbażata fuq il-familja tista' f'ħafna każijiet tkun ta' ħabi, jekk mhux perperwazzjoni, inġustizzji.

3.3 In-Nassa tal-Benefiċċji

Waħda mid-diffikultajiet prinċipali li sikwit jiġu diskussi f'Malta hija n-'nassa tal-benefiċċji', billi din tapplika b'mod speċjali fir-rigward ta' persuni qiegħda. Sikwit jiġi allegat li madwar nofs dawk li jitolbu l-benefiċċji tal-qgħad huma każijiet ġenwini, iżda l-bqija huma fl-aħjar ipoteżi dubjużi. Il-benefiċċji tal-qgħad jipprovdu dħul stabbli lill-ħaddiema vulnerabbli. Madwar 80% tal-persuni qiegħda għandhom ħiliet baxxi u jistgħu jaspiraw biss li jaqilgħu l-paga minima, u jistgħu jħossu li huma kapaċi jwettqu biss xogħlijiet ta' livell baxx. Id-differenza bejn il-benefiċċji tal-qgħad u l-paga minima hija €11.65, u fil-maġġoranza tal-każijiet, dawn il-persuni jsibu ruħhom f'sitwazzjoni finanzjarja aħjar jekk jirreġistraw bħala qiegħda u jinvolvu ruħhom fl-ekonomija s-sewda.

L-istess japplika għaż-żgħażaġh qiegħda. Biex jevitaw li jiġu mċaħħda l-benefiċċji tal-qgħad, huma jallegaw li qegħdin jgħixu f'indirizz differenti minn dak tal-ġenituri tagħhom, biex b'hekk jikkwalifikaw għal stejtus ta' 'kap tal-familja' u jkunu jistgħu jieħdu l-benefiċċji applikabbli għall-persuni qiegħda. Il-konsulenti dwar ix-xogħol mal-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ huma rrapportati li jikkalkulaw li madwar 49% ta' dawk qiegħda faċilment jinqabdu fin-nassa tal-benefiċċji. F'seminar organizzat mill-ETC għal żgħażaġh qiegħda, attendew biss madwar in-nofs ta' dawk mistiedna u xi wħud minn dawk li attendew qalu li jħossuhom komdi jgħixu man-nanniet tagħhom għaliex kienu qegħdin jingħataw xi ftit mill-flus tal-pensjoni tal-persuni anzjani li kienu qegħdin jgħixu magħhom.²

3.4 L-effikaċja

L-effikaċja tal-iskemi li nsibu f'Malta ma ġietx ivvalutata b'mod xjentifiku, iżda kejl tal-effikaċja tagħhom jista' jsir permezz tal-istudji tas-SILC. Madankollu, fil-fatt din id-dejta ma tistax tintuża biex tiġi analizzata b'mod sħiħ l-effikaċja tal-iskemi minħabba l-mod kif inhi disponibbli. It-Tabelli 5 sa 7 hawn isfel jippreżentaw tliet xenarji. Tabella 5 tirrappreżenta r-'Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar qabel trasferimenti soċjali li jinkludu l-benefiċċji tax-xjuħ u s-sopravissuti skont is-sess tal-persuna u l-grupp tal-età'; Tabella 6 tirrappreżenta r-'Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar wara trasferimenti soċjali differenti mill-benefiċċji tax-xjuħ u tas-sopravissuti skont is-sess tal-persuna u l-grupp tal-età', filwaqt li Tabella 7 tirrappreżenta r-'Rati ta' persuni fir-riskju tal-faqar wara t-trasferimenti soċjali skont is-sess tal-persuna u l-grupp tal-età'. Sfortunatament il-mod kif inhi

² A.Abela & C. Tabone. 2008. *Family Poverty and Social Exclusion*. Malta. Kummissjoni Nazzjonali Familja. p. 61.

kkompilata t-Tabella 7 tinkludi ħlasijiet riċevuti minn skemi ta' pensjonijiet kontributorji, u bħala tali mhijiex ħielsa mill-elementi kollha meħtieġa għal valutazzjoni xierqa tal-ħlasijiet ta' trasferimenti mhux kontributorji. Għal eżami korrett, dan l-element ikun irid jiġi eskluż.

Minkejja dawn il-limitazzjonijiet, wieħed jista' immedjatament jinnota li l-ħlasijiet trasferiti jagħmlu differenza enormi fil-ħajja ta' dawk li jirċevuhom, sal-punt li r-rata ta' riskju tal-faqar għall-popolazzjoni sħiħa fl-2007 tinżel minn 34.2 fit-Tabella 5 għal 14.2 fit-Tabella 7. It-tnaqqis rispettiv għall-2005 u l-2006 huwa:- 2005: 33.6 għal 13.8; 2006: 33.2 għal 13.8.

It-tnaqqis f'dawn it-Tabelli jidher qawwi ħafna għall-persuni ta' 65 sena u aktar (79.5 għal 19.9 fl-2007), iżda kif indikat qabel, Tabella 7 tinkludi ħlasijiet magħmula taħt l-iskemi ta' pensjoni nazzjonali kontributorja, li jagħmlu id-dejta bla użu f'dan ir-rigward.

Tabella 5: Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar qabel trasferimenti soċjali li jinkludu benefiċċji tax-xjuħ u tas-sopravissuti skont is-sess tal-persuna u l-età

		2005			2006			2007		
		Irgjel	Nisa	Total	Irgjel	Nisa	Total	Irgjel	Nisa	Total
età	0-17	29.5	30.1	29.8	29.8	29.9	29.9	32.7	28.8	30.8
	18-24	17.5	18.8	18.1	17.8	16.5	17.2	19.0	16.5	17.9
	25-49	20.5	22.6	21.5	20.0	23.3	21.6	21.3	23.4	22.3
	50-64	30.5	41.1	35.8	28.6	39.7	34.2	30.5	42.5	36.6
	65+	78.5	83.2	81.1	79.2	81.5	80.5	78.5	80.2	79.5
	Total	30.8	36.4	33.6	30.4	35.9	33.2	32.1	36.3	34.2

Tabella 6: Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar qabel trasferimenti soċjali differenti mill-benefiċċji tax-xjuħ u tas-sopravissuti skont is-sess tal-persuna u l-età

		2005			2006			2007		
		Irgjel	Nisa	Total	Irgjel	Nisa	Total	Irgjel	Nisa	Total
età	0-17	26.8	28.3	27.5	27.5	28.8	28.1	30.6	26.6	28.7
	18-24	14.3	13.2	13.8	13.5	14.5	14.0	14.0	13.7	13.8
	25-49	16.4	19.3	17.8	17.1	20.0	18.5	16.8	20.0	18.4
	50-64	17.1	19.9	18.5	17.8	22.1	20.0	19.5	25.9	22.7
	65+	22.0	21.9	22.0	25.3	24.7	25.0	25.4	20.2	22.5
	Total	19.3	21.2	20.2	20.1	22.4	21.2	21.0	22.0	21.5

Tabella 7. Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar wara trasferimenti soċjali skont is-sess tal-persuna u l-età

		2005			2006			2007		
		Irgjel	Nisa	Total	Irgjel	Nisa	Total	Irgjel	Nisa	Total
età	0-17	17.6	18.3	18.0	18.4	17.6	18.0	19.6	17.2	18.5
	18-24	8.0	7.0	7.5	6.6	7.8	7.2	7.9	8.3	8.1
	25-49	10.7	12.3	11.4	10.8	11.9	11.3	9.7	12.8	11.2
	50-64	11.6	13.4	12.5	11.4	14.3	12.9	12.1	16.8	14.5
	65+	20.2	19.8	20.0	21.6	19.3	20.3	23.1	17.3	19.9
	Total	13.3	14.4	13.8	13.4	14.3	13.8	13.7	14.8	14.2

Id-diskussjonijiet mal-partijiet interessati bi tnejn għal dan ir-rapport jissuġġerixxu li minħabba r-rati tal-inflazzjoni attwali (parzjalment ikkaġunata mill-gvern permezz ta' rati oġhla għad-dawl u l-ilma) u d-distakk dejjem jżied bejn is-salarji attwali u r-rati tal-pensjoni aktar persuni qegħdin fil-periklu li jaqgħu fil-kategorija ta' dawk fir-riskju tal-faqar. Dan jaffettwa b'mod speċjali lil persuni li għandhom pensjoni taħt l-Att tas-Sigurtà Soċjali, li għandha limitu massimu qrib ħafna il-linja tal-faqar. Pensjonanti li kienu jaħdmu fis-Servizz Pubbliku u dawk bl-uniformi li kienu mpjegati sal-1979 huma iktar iffortunati għax il-Pensjoni tagħhom, magħrufa bħala l-Pensjoni tat-Teżor, ma għandhiex massimu u fil-fatt dawn jirċievu pensjoni għall-bqija ta' ħajjithom ekwivalenti għal żewġ terzi tal-paga meta jispiċċaw mix-xogħol. Il-Membri tal-Parlament imbagħad għandhom privileġġ speċjali għax fil-waqt li l-pensjoni tal-ħaddiema taċ-civil tiġi ffriżata mal-paga ta' meta wieħed jirtira, tagħhom tibqa' togħla biex jibqgħu jieħdu żewġ terzi tas-salarji jew onorarji kurrenti.

Analiżi komparattiva tat-Tabelli 5 sa 7 fil-fatt tissuġġerixxi li fil-fatt jista' jkun minnu li aktar persuni qegħdin ikunu fil-periklu li jidħlu fil-kategorija ta' riskju ta' faqar, anki jekk l-informazzjoni mhijiex solida biżżejjed biex wieħed jasal għalkonklużjoni ċerta f'dan ir-rigward. Għax fuq it-tliet snin li għalihom hija disponibbli l-informazzjoni, kemm it-Tabella 5 kif ukoll it-Tabella 7 juru żidiet fir-rati fuq il-perjodu ta' tliet snin, ħlief fir-rigward tan-nisa għall-2007 f'Tabella 5 (qabel it-trasferimenti). Sabiex tistabbilixxi jekk dan huwiex minnu jew le, aktar riċerka hija meħtieġa u wieħed jittama li l-informazzjoni mill-Household Budgetary Survey, li se jkun rilevanti ħafna billi jindirizza n-nefqa pjuttost milli d-dħul, kif jagħmel is-SILC, tixħet aktar dawl fuq din il-kwistjoni.³

3.5 Nuqqas ta' Riċerka

Madankollu, dak li huwa meħtieġ urġentement fil-qasam tas-sigurtà soċjali f'Malta hija r-riċerka. Attwalment it-teħid tad-deċiżjonijiet huwa tista' tgħid ibbażat fuq is-sensibilitajiet soċjali tal-politiċi u ta' dawk li jagħmlu l-politika u mhux fuq deġta solida miġbura apposta biex jiġi valutat x'inhi s-sitwazzjoni. Il-persunal li huwa direttament responsabbli għall-implimentazzjoni tad-diversi skemi m'għandu l-ebda idea dwar il-livell ta' nuqqas ta' teħid tad-diversi skemi. Dan minħabba li l-kopertura hija pprovduta lill-persuni li japplikaw għall-benefiċċji u dan mhux neċessarjament jinkludi lil kulħadd. Fir-realtà, is-sistema preżenti tista' fil-fatt twassal għal sitwazzjoni fejn il-persuni li għandhom bżonn urġenti ta' għajjnuna ma jiġux mgħejjuna minħabba li lanqas biss ikunu jafu li huma intitolati għall-għajjnuna, filwaqt li persuni oħra li jafu aktar dwar il-mod kif taħdem is-sistema, jisfruttaw ir-riżorsi disponibbli għall-vantaġġ tagħhom, xi drabi saħansitra sal-punt li jagħmlu użu minn toqob fil-leġiżlazzjoni.

In-naħa l-oħra tal-munita hija l-possibilità li persuni li ma jkunux verament intitolati sabiex jirċievu l-benefiċċji fil-fatt jagħmlu dan mingħajr ma jiġu nnotati. Dan jista' jirriżulta f'każijiet fejn bidliet fiċ-ċirkustanzi ma jiġux irrappurtati, meta jsir użu minn toqob (*loopholes*), u għax jeżisti nuqqas ta' rappurtar fiskali. Dan tal-aħħar huwa l-aktar preżenti fir-rigward tal-benefiċċji tal-qgħad meta persuni jkomplu jirċievu d-drittijiet minkejja li jkunu involuti attivament fl-ekonomija s-sewda. Matul dawn l-aħħar ftit snin saru tentattivi sistematiċi sabiex jiġu indirizzati dawn il-kwistjonijiet, iżda l-impressjoni ġenerali tibqa' li l-abbuż mhuwiex wieħed żgħir. Fortunatament, l-isforzi li qed isiri mid-Direttorat dwar il-Frodi fil-Benefiċċji u Investigazzjonijiet, li kien ġie mwaqqaf fl-2006, qed iwassal għal iffrankat ta' madwar €10 miljuni. 10,000 każ, li jirrapreżentaw madwar 89% tat-total ta' każi ta' persuni li jibbenefikaw mill-Assistenza Soċjali, ġew investigati u l-għan hu li sal-2010

³ L-informazzjoni tal-EUROSTAT disponibbli on-line hija problematika. L-informazzjoni ġenerata minn http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/employment_and_social_policy_indicators/omc_social_inclusion_and_social_protection/social_inclusion_strand (aċċessjat 17 ta' Mejju 2009) fir-rigward ta' 'Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar' u 'Rata ta' persuni fir-riskju tal-faqar qabel trasferimenti soċjali għajr il-pensjonijiet' tidher li hija inkonsistenti billi l-istess valuri huma mogħtija għal persuni ta' l fuq minn 65 sena fiż-żewġ każijiet.

dan il-perċentaġġ ikun iktar minn 100%, jiġifieri li kull każ ikun investigat iktar minn darba sa dik id-data.

Is-sitwazzjoni hija aggravata minħabba l-inċertezza li dwar id-dmir li jiġu rrapportati l-abbużi minn persuni li jeżerċitaw f'ċertu professjonijiet, speċjalment fir-rigward tal-ħaddiema soċjali. Il-ħaddiema soċjali f'Malta mhumiex ħafna, iżda f'ħafna każijiet meta l-ħaddiema soċjali jintebħu b'abbuż, iħossu li mhuwiex etikament korrett għalihom li jirrapportawh . Huwa tabilħaqq neċessarju li dan l-aspett jiġi ċċarat ħalli ma jkunx hemm dubji dwar x'tikkostitwixxi 'korrettezza professjonali' f'każijiet bħal dawn.

Bħala tali m'hemm ebda informazzjoni affidabbli dwar il-livell ta' teħid bħala proporzjon tal-persuni li fil-fatt huma fil-bżonn, u ferm inqas informazzjoni dwar ir-raġunijiet għaliex dawk li ma jeħdux dak li għandhom dritt għalih jagħmlu dan. Din hija lakuna importanti fir-riċerka li jeħtieġ li tiġi indirizzata jew permezz ta' riċerka sponsorjata mid-dipartiment, jew permezz ta' riċerka indipendenti. Irrispettivament minn dawn il-lakuni, madankollu, jista' jingħad li l-iskemi fis-seħħ jagħmlu kontribuzzjoni sinifikanti sabiex jgħinu lill-familji fir-riskju tal-faqar jaffrontaw il-kundizzjonijiet tagħhom u ma jitgħaffġux mill-weġġhat tal-faqar assolut.

4. Programmi ta' Impjieg u Taħriġ

4.1 Introduzzjoni

Sabiex titnaqqas il-ħtieġa għas-servizzi u jintuża l-potenzjal ta' kull ċittadin li kapaċi jagħmel attività produttiva, aġenzija maħluqa apposta, il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) hija inkarigata bir-responsabilità li tħarreġ u tpoġġi persuni qiegħda f'impjieg bi qligħ. Il-Korporazzjoni tfttex li tantiċipa u tirrispondi għall-ambjent ekonomiku u soċjali dejjem jinbidel. Hija topera fuq it-twemmin li l-ħaddiema jeħtieġu l-flessibilità u l-fiduċja biex jimxu minn post tax-xogħol għal ieħor mingħajr diffikultà u l-ħila li jadattaw irwieħhom għal sitwazzjonijiet differenti. Dan ikabbar is-sigurtà ta' persuna f'impjieg partikolari kif ukoll l-impjegabilità tiegħu/tagħha. Min-naħa l-oħra, forza tax-xogħol imħarrġa toħloq inqas problemi għall-maniġment u hija riżorsa iżjed motivata. L-ETC tmexxi numru ta' skemi sabiex tilħaq l-għanijiet tagħha, li tnejn minnhom huma partikolarment rilevanti fir-rigward tal-iskemi ta' dħul minimu għaliex ifittxu li joħroġu lill-persuni qiegħda mid-dipendenza.⁴ Dawn huma a) l-iskema tas-Supported Employment u b) l-Programm ta' Għajnuna għax-Xogħol

4.2 Is-“Supported Employment Section”

Is-Supported Employment Section tal-ETC tgħin u tindirizza gruppi żvantaġġati sabiex ikabbru l-kapaċitajiet tagħhom biex jintegraw fis-suq tax-xogħol. Din it-Taqsima tassisti lil dawn il-gruppi ta' klijenti billi tipprovdilhom pariri, opportunitajiet ta' xogħol u tirreferihom għal taħriġ adegwat.

L-Iskema “Bridging the Gap”

Bridging the Gap hija maħsuba biex tgħin lill-klijent jgħaddi mill-fażi ta' qgħad għal wieħed ta' xogħol. Hija tippermetti lil min iħaddem jivvaluta l-prestazzjoni tal-klijent fil-post tax-xogħol, qabel ma jġi ingaġġat proprjament. Din l-iskema toffri lill-klijent perġodu ta' esponiment għax-xogħol ma' min iħaddem sabiex huwa/hija jkunu jistgħu juru l-ħiliet meħtieġa għal xogħol partikolari. Min jinpjega u l-ETC jidħlu fi ftehim rigward il-perġodu ta' esponiment għax-xogħol, li bih klijent jittqiegħed fuq l-iskema bil-prospett ta' impjieg. Il-klijent jittqies bħala 'reġistrant qiegħed', pero' mingħajr l-obbligu li jmur l-Uffiċċju tar-Reġistrazzjoni kull ġimgħa biex jirreġistra. Jistgħu jibbenefikaw minn din l-iskema dawn li ġejjin:

- Persuni Reġistrati b'Diżabilità li jkunu qegħdin jirreġistraw bħala qiegħda;
- Persuni li kienu jabbużaw mill-alkoħol u d-droga;
- Ex-residenti ta' faċilitajiet korrettivi;
- Residenti ta' Faċilitajiet Korrettivi li waslu biex itemmu s-sentenza tagħhom;
- Gruppi oħra vulnerabbli.

L-iskema hija ta' benefiċċju kemm għall-klijent kif ukoll għal min iħaddem. Il-benefiċċji ta' din l-iskema huma li l-klijent jikseb il-ħiliet ta' fuq il-post tax-xogħol meħtieġa minn min iħaddem; il-klijent ikollu aċċess għal opportunitajiet ta' impjieg u l-klijent jirċievi allowance kull ġimgħa ta' 80% tal-paga minima nazzjonali preżenti mill-ETC mingħajr ma jirrinunzja d-drittijiet għal kwalunkwe benefiċċju tas-Sigurtà Soċjali tul il-fażi tal-esponiment għax-xogħol. Mill-banda l-oħra, il-benefiċċji għal min iħaddem li juża l-iskema huma li jkun huwa stess li jintervista u li jagħżel il-

⁴ Il-Qafas ta' Għajnuna għat-Taħriġ (TAF) huwa l-iżjed kontribut importanti tal-ETC għat-taħriġ minħabba li jirrappreżenta opportunità uniku għall-kumpaniji lokali sabiex jinvestu fir-riżorsi umani tagħhom. Permezz tal-Qafas ta' Għajnuna għat-Taħriġ, l-ETC tipprovdli għajnuna finanzjarja lil dawk il-kumpaniji li jinvestu fit-taħriġ tal-ħaddiema tagħhom. Iżda din l-iskema tapplika għal persuni li diġà jkunu impjegati, u bħala tali mhijiex direttament marbuta ma' kwistjonijiet tal-iskema ta' Dħul Minimiu.

klijent; min iħaddem jista' jevalwa l-progress tal-klijent; min iħaddem huwa ħieles minn obbligi bħalma huma l-kontribuzzjonijiet tas-Sigurtà Soċjali, pagi u benefiċċji tal-lif minħabba mard u, fl-aħħar nett, li min iħaddem se jkollu l-appoġġ tal-uffiċjali tal-ETC matul il-fażi kollha tax-xogħol.

4.3 Il-Programm ta' Għajnuna għax-Xogħol (EAP)

Permezz ta' dan il-programm, l-ETC tipprovdi għajnuna finanzjarja lil dawk li jagħżlu li jimpjegaw lil dawn il-persuni. L-għajnuna finanzjarja hija fil-forma ta' sussidju ġeneruż fis-salarju ta' dawn l-individwi, kif ukoll fil-kontribuzzjoni ta' min iħaddem għas-Sigurtà Soċjali tal-impjegat. Dan is-sussidju jingħata għal numru ta' xhur, u fil-każ ta' kumpaniji li jimpjegaw persuni b'diżabilità jingħata għal tliet snin sħaħ. Fil-każ ta' ħaddiema li jaħdmu f'Għawdex, il-gżira oħt, dan is-sussidju se jkun għal aktar xhur. Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ taċċetta applikazzjonijiet biex jimtlew postijiet battala permezz ta' dan il-programm minn kwalunkwe persuna jew kumpanija li tissodisfa l-kriterji applikabbli għal min iħaddem. .

L-għanijiet ta' dan il-programm huma li jiffaċilita l-integrazzjoni ta' persuni żvantaġġati jew b'diżabilità fis-suq tax-xogħol. Għalhekk huwa jfittex li jtejjeb iċ-ċans ta' impjieg u l-produttività tal-persuni b'rati baxxi ta' impjieg; li jiffaċilita l-aċċess għax-xogħol u jgħolli l-ħiliet ta' dawk li huma l-aktar imbiegħda mis-suq tax-xogħol; u li jikkontribwixxi sabiex iżid il-provvista ta' ħaddiema tal-pajjiż u sabiex tinkiseb koeżjoni soċjali akbar. Din l-iskema partikolari hija konformi mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2008 tas-6 ta' Awwissu 2008 li jiddikjara ċerti kategoriji ta' għajnuna bħala kompatibbli mas-suq komuni (Regolament għal Eżenzjoni Ġenerali Sħiħa) skond l-Artikoli 87 u 88 tat-Trattat u ppubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej fid-9 ta' Awwissu 2008. Il-Programm ta' Għajnuna għax-Xogħol huwa ko-finanzjat mill-Fond Soċjali Ewropew, il-Gvern Malti u min iħaddem.

Il-gruppi li dan il-programm ifttx li jilħaq huma:

- Kwalunkwe persuna ta' inqas minn 25 sena u li ma tkunx ilha aktar minn sentejn li spiċċat l-edukazzjoni full-time tagħha u li qatt ma kienet taħdem b'mod regolari bi ħlas fl-ewwel impjieg regolari tagħha. (Bl-ewwel impjieg regolari, l-ETC tifhem mill-anqas sitt xhur full-time ta' impjieg). Tul: 26 ġimgħa.
- Kwalunkwe persuna li tixtieq tidħol jew terġa' tidħol fil-ħajja tax-xogħol u li tkun ilha nieqsa kemm mix-xogħol kif ukoll mill-edukazzjoni għal mill-inqas sentejn – b'mod partikolari kwalunkwe persuna li tkun telqet mix-xogħol minħabba diffikultà biex tirrikonċilja l-ħajja tax-xogħol u l-ħajja tal-familja tagħha. Tul: 26 ġimgħa.
- Kwalunkwe persuna li tkun qiegħda tgħix bħala persuna adulta waħedha biex tieħu ħsieb dipendenti tagħha. Tul: 39 ġimgħa.
- Kwalunkwe persuna li ma tkunx kisbet kwalifiki flivell ta' edukazzjoni sekondarja ogħla jew ekwivalenti (ISCED Livell 3) u li tkun spiċċat bla xogħol fl-aħħar sitt xhur jew tkun ġiet mogħtija avviż ta' sensja. Tul: 26 ġimgħa.
- Kwalunkwe persuna ta' aktar minn 50 sena li ma jkollhiex impjieg jew li tkun qiegħda tittle l-impjieg tagħha, jiġifieri li tkun ingħatat avviż ta' sensja. Tul: 26 ġimgħa.
- Kwalunkwe persuna rreġistrata bla xogħol għal żmien twil, jiġifieri kwalunkwe persuna li tkun ilha qiegħda għal tnax mis-sittax-il xahar ta' qabel, jew għal sitta mit-tmien xhur ta' qabel fil-każ ta' persuni taħt il-25 sena. Tul: 26 ġimgħa.

Kwalunkwe persuna li hija persuna b'diżabilità reġistrata u li għandha indeboliment fiżiku, mentali jew psikoloġiku serju rikonoxxut. Tul: 156 ġimgħa

5. Konklużjoni

Fil-qosor, jista' jingħad li f'Malta m'hemm ebda Skema ta' Dħul Minimu mfassla speċifikament indirizzata lejn l-individwu. Madankollu, matul is-snin żviluppa pakkett sħiħ ta' miżuri tas-sigurtà soċjali, ħafna minnhom b'riżultat ta' pressjoni u lobbying minn diversi gruppi ta' interess. Is-sigurtà soċjali bdiet ħafna snin ilu f'Malta, u l-mod kif żviluppat jitlob għal integrazzjoni u razzjonalizzazzjoni biex jiġu evitati l-frammentazzjoni u l-kumplessità preżenti fl-amministrazzjoni.

Element li huwa nieqes ħafna fil-kuntest Malti huwa d-disponibilità ta' riċerka sabiex issostni s-sigurtà soċjali b'mod ġenerali. Ma jeżisti l-ebda studju sistematiku u fuq perijodu twil li jivvaluta l-ħtiġijiet, speċjalment fir-rigward tal-persuna individwali. L-għajjuna hija diretta lejn il-familja b'mod ġenerali, u persuna waħda tista' ssib ruħha f'diffikultajiet serji jekk membri tal-istess familja jkunu sejrjn tajjeb, biex hekk tinħoloq katina ta' dipendenza fi ħdan il-familja. Mill-banda l-oħra, sikwit jiġi allegat, speċjalment minn benefiċjarji nfushom li m'għandhomx kwalifikati biex jaspiraw għal xogħol imħallsa tajjeb, li huwa preferibbli li wieħed iserraħ fuq is-sigurtà soċjali milli jfittex impjieg bi qligħ. Il-mod kif qiegħda topera f'Malta n-nassa tal-benefiċċji jeħtieġ konsiderazzjonijiet serji ħafna u urġenti u, meta l-informazzjoni tinġabar b'mod xjentifiku, tkun meħtieġa azzjoni biex l-affarijiet jitjiebu.

Madankollu, l-informazzjoni tas-SILC tindika li l-iskemi li jeżistu għandhom effett enormi biex inaqqsu r-rati ta' dawk fir-riskju tal-faqar. Sfortunatament madankollu, l-informazzjoni disponibbli tas-SILC tinkludi ħlasijiet ta' pensjonijiet li jirriżultaw minn kontribuzzjonijiet obligatorji għall-pensjonijiet nazzjonali, u bħala tali ma tistax tagħti stampa preċiża tar-realtà fir-rigward tal-pensjonanti. Il-partijiet interessati jissuġġerixxu li r-rati ta' dawk fir-riskju tal-faqar huma probabbli li jiżdiedu fid-dawl tar-rati attwali tal-inflazzjoni u d-distakk dejjem jiżdied bejn is-salarji u l-pensjonijiet. L-informazzjoni tas-SILC tindika li dan hu tassew possibbli imma ma tagħtix prova definittiva.

Il-Korporazzjoni għax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) tipprovdi numru ta' skemi li jfittxu li joħorġu lill-persuni mid-dipendenza fuq is-sigurtà soċjali, minbarra li tipprovdi servizzi oħrajn disponibbli għat-taħriġ ta' persuni li diġà jaħdmu. Iżda anki hawnhekk, ir-rabta bejn is-sigurtà soċjali u t-taħriġ hija dgħajfa ħafna u wasal iż-żmien li d-databases ikunu integrati sabiex jiġi żgurat li min huwa tassew fil-bżonn ikun jista' jiġi milħuq.

REFERENZI PRINĊIPALI

Abela, A., & Tabone C. 2005. 'How research on poverty and social exclusion amongst Maltese Families informs professionals in the field'. Dokument ippreżentat f'laqgħa tal-professjonisti li jaħdmu mal-Fondazzjoni għas-Servizzi tal-Ħidma Soċjali, Radisson Bay Point Hotel, Malta.

Attard Bernard. 'The Maltese Pensions System Reform'
<http://www.miamalta.org/Accountant/Spring2007/MagSpring2007Page04.htm> (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Cutajar Josann. 'A Note on Caring and Maltese Social Security Legislation'
<http://aei.pitt.edu/6027/01/18.pdf> (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Degabriele Carmel L. 'Social Security In Malta - a brief history and major developments up to 1994' http://www.geocities.com/Athens/4185/social_security_in_malta.htm (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Liġijiet ta' Malta. *Kapitlu 318. Att dwar is-Sigurtà Soċjali*
http://docs.justice.gov.mt/lom/legislation/english/leg/vol_7/chapt318.pdf (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Gvern ta' Malta. Pensions: Adequate & Sustainable. White Paper - Novembru 2004
http://mfss.gov.mt/pensions/documents/whitepaper/wp_layout.pdf (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Gvern ta' Malta. *Pensions: Adequate & Sustainable - White Paper - Novembru 2004, Appendices*
http://mfss.gov.mt/pensions/documents/whitepaper/wp_appendices.pdf (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Ministeru tal-Politika Soċjali – Websajt tad-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali:
<http://www.mfss.gov.mt/services/subpages/content.asp?id=69> (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Ministeru tal-Politika Soċjali – Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali. 2006. 'Social Security – a synopsis'
http://www.msp.gov.mt/documents/dss/synopsis_dss.pdf (sar aċċess għalih l-aħħar fl-24 ta' April 2009)

Vassallo, M., Sciriha, L. & Miljanic Brinkworth, M. 2002. *The Unequal Half: The Underused Female Potential in Malta*. Valletta: Kummissjoni għall-Avvanz tal-Mara, Ministeru għall-Politika Soċjali.